# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru LX**
**Illum it-Tnejn, 11 ta’ Gunju, 2001**

**Appell Nru 139/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Robert Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Robert Pace talli (**1**) fid-19 ta‘ Dicembru 1996 u l-granet qabel din id-data, gewwa B’Kara saq vettura bi *speed* eccessiv u manjiera perikoluza u bla kont, u aktar talli (**2**) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti kkaguna l-mewt ta’ Walter Mifsud minn Ta’ Xbiex, kif ukoll (**3**) talli fl-istess zmien, dati u lok involontarjament ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Kelly Pugliesevich; l-ewwel qorti kienet mitluba li tissospendi lill-imsemmi Pace minn kull licenzja tas-sewqan ghal periodu kif titlob il-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta’ Mejju, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Robert Pace hati skond l-ewwel zewg imputazzjonijiet, ikkundannatu multa ta’ elf u hames mitt lira (Lm1500), u ssospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal sitt xhur; dwar it-tielet imputazzjoni l-ewwel qorti qalet biss, fis-sentenza taghha, “li fl-atti tal-inkjesta Kelly Pugliesevich irrinunzjat ghal proceduri kriminali kontra l-akkuzat”;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Robert Pace, minnu ppresentat fil-5 ta’ Gunju, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza (fis-sens li huwa jigi dikjarat mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu), jew altrimenti r-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta’ Ottubru, 2000; ikkunsidrat:

1. Dana l-appell jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh ftit wara nofs il-lejl ta' nhar id-19 ta' Dicembru, 1996 fi Triq Dun Karm Psaila, B'Kara (aktar maghrufa bhala l-Birkirkara *By-Pass*) kif appena wiehed jaqbez ir-*roundabout* qrib Triq Ganu. B'konsegwenza ta' dana l-incident tilef hajtu (fit-30 ta' Jannar, 1997) Walter Mifsud, li kien riekeb fuq wara tal-vettura involuta, u wegghet hafif Kelly Pugliesevich. L-incident sehh meta l-vettura – Peugeot 106 – kif appena qabzet ir-*roundabout* baqghet diehla fuq il-bankina tax-xellug, telghet il-bankina, qabzet cint zghir tal-gebel, baqghet diehla f'hajt fuq dik l-istess naha tat-triq, u taret lura lejn ic-*centre strip*.

2. Kif tajjeb josserva l-appellant fir-rikors tieghu, l-ewwel qorti waslet ghall-konkluzzjoni taghha ta' htija dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet unikament a bazi tal-velocita` li, skond dik il-qorti, kien ghaddej biha l-appellant kif appena qabad, dar ma', u gie biex ihalli r-*roundabout*. In fatti l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, eskludiet li l-appellant waqt li kien qed isuq kien ghajjien jew li kien taht l-influwenza ta' xorb alkoliku. Il-passagg krucjali fis-sentenza huwa s-segwenti:

   "Il-Qorti hija konvinta li biex Pace tilef il-kontroll tal-vettura, premess li gia gie eskluz dak li ma giex efficjentement pruvat [cioe` l-ghejja u/jew l-effett tax-xorb], li l-akkuzat anke minhabba l-fatt li kienet in-nida, avvicina r-*roundabout* bi *speed* eccessiv ghall-kundizzjoni tat-triq kif kienet.";

3. L-appellant, fir-rikors ta' appell tieghu, jikkontendi li ma hemmx prova li hu kien qed isuq b'velocita` eccessiva, mentri kien hemm prova li kien hemm hafna nida fit-triq. Hu jikkontendi li l-uniku fattur li wassal ghall-incident, cioe` ghat-telf tal-kontroll u l-habta mal-hajt, kienet in-nida li kkagunat l-i*skid*, fuq liema *skid* huwa ma kellu ebda kontroll.

4. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha u bir-reqqa, taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. L-ewwel nett, biex jigi determinat jekk l-appellant kienx qed isuq b'mod eccessiv – u bil-kelma "eccessiv" wiehed ghandu jifhem velocita` li tkun skonsiljata ghal dik il-bicca triq <u>f'dak il-hin u b'dawk ic-cirkustanzi partikolari ta' dak il-hin</u> – wiehed ghandu jhares mhux biss lejn dak li jghidu x-xhieda dwar il-percezzjoni taghhom tal-velocita`, izda anke lejn id-dinamika ta' l-incident kif tigi rikostruita mit-tracci materjali mhollija fuq il-post. L-appellant, meta xehed quddiem il-perit imqabbad ghall-finijiet ta' l-*in genere*, qal li kien gej mid-direzzjoni ta' Hal-Lija u li qorob lejn ir-*roundabout* ghaddej bit-*top gear* b'velocita` taht l-erbghin mil fis-siegha; jghid li tefa' l-karozza fuq *engine break* u ghafas il-*break* sabiex jirrallenta, izda l-i*steering wheel* "telaq fix-xejn, wahdu, u mbaghad ma nafx x'gara" (fol. 59, *tergo*) (il-Qorti hawnhekk tosserva li qed timxi fuq l-original tad-deposizzjoni mehuda bl-

idejn mill-perit u mhux fuq it-traskrizzjoni dattiloskritta, peress li osservat li hemm xi differenzi zghar bejn dak mehud bl-idejn u dak li in segwitu gie dattiloskritt). Mistoqsi biex ikun aktar specifiku, l-appellant qal: "…niftakar li tajtha *engine break* u sslowjajt. Imbghad ergajt tfajtha fuq it-*top* u minn dak il-hin ma niftakarx x'gara" (*ibid.*). Simon Gino Gauci, li fl-hin ta' l-incident kien parkeggjat fi triq li taghti ghal fuq ir-*roundabout* in kwistjoni u li ra l-vettura ta' l-appellant ghaddejja mar-*roundabout* (cioe` mal-genb tar-*roundabout*, fid-direzzjoni bid-dritt, sejra lejn l-Universita`, mhux iddur mar-*roundabout*) jghid li din il-karozza kienet "ghaddejja b'velocita` normali" tant li huwa staghgeb li l-karozza setghet habtet hekk kif sema' daqqa u *brakes* (fol. 67). Hu kompla jghid (dejjem quddiem il-perit): "Nispecifika li normali tfisser normali ghalija" (fol. 67 u 67 *tergo*). "Mistoqsi dwar dak li kien qed jara qabel l-incident, jien nghid illi r-*roundabout* stajt naraha kollha. Is-sewwieq dawwar ftit u rajtu ghaddej normali. In-normali tieghi huwa ta' madwar 40 mili fis-siegha fuq il-*By Pass*" (fol. 70). Dana x-xhud jemfasizza li kienet niezla hafna nida (fatt, dan tan-nida, korroborat ukoll mill-Perit Dott. Francesco Depasquale, fol. 30). Dawn huma l-unici xhieda dwar il-velocita` li biha kienet ghaddejja l-vettura ta' l-appellant. Kif wiehed jista' facilment japprezza, dawn qed jaghmlu kalkolu jew apprezzament tal-velocita` li biha kienet ghaddejja l-Peugeot 106 hi u taqbad ir-*roundabout*. Il-Qorti tirrimarka li dik li tista' tkun velocita` "normali" ghal persuna mhux necessarjament tkun velocita` oggettivament addattata ghal lokalita` partikolari u ghal kundizzjonijiet ambjentali partikolari.

5. Mill-banda l-ohra wiehed irid jara d-dinamika tal-incident, fis-sens ta' kif saret il-habta. F'dan ir-rigward din il-Qorti ser toqghod fuq il-pjanta mhejjija mill-Perit Richard Aquilina u fuq ir-ritratti mehuda minn P.C. 1525 P. Farrugia (kemm il-pjanta kif ukoll ir-ritratti jinsabu fl-atti tal-*proces-verbal*). Din il-Qorti ftit li xejn ser taghti kaz tar-relazzjoni tal-Perit Tekniku Joseph Zammit, peress li din ir-relazzjoni fiha zewg nuqqasijiet li fil-fehma ta' din il-Qorti huma serji. Dana l-espert jghid li l-vettura nstabet "madwar tlett mitt metru minn fejn tinsab ir-*roundabout* ta' bejn l-Iklin u Birkirkara" (sottolinear tal-Qorti) (ara fol. 15 tal-atti). Fil-fatt il-vettura Peugeot kienet – skond il-pjanta ezibita kif ukoll jekk wiehed imur fuq il-post u jara fejn jinsab it-tieni arblu tad-dawl li magenbu waqfet il-vettura – mhux aktar minn sittin metru boghod mir-*roundabout* in kwistjoni. Fit-tieni lok dana l-espert, hu u jiddeskrivi kif il-vettura rikbet fuq il-bankina u qabel ma habtet mal-hajt li minnu mmollat lura ghal fuq il-karreggata, donnu jinsa jsemmi li din necessarjament rikbet ukoll fuq cint baxx, ta' filata u ftit, li jiddividi t-tarf tax-xellug tal-bankina mill-ghalqa li hemm ma' genb it-triq. In fatti f'pagna 21 tal-atti, dana l-espert donnu jaghmel referenza ghal hajt wiehed, mentri fil-fatt hemm zewg hitan li huma relevanti: il-hajt

(jew cint) ta' filata u ftit, li jidher f'diversi ritratti tal-faxxikolu fotografiku, u l-hajt l-iehor, gholi xi ghaxar filati, li max-xewka tieghu l-vettura habtet u mmollat minnu lura ghal fuq il-karreggata. Dana l-fatt, li jidher car mir-ritratti, qed jigi precisat ghax juri li qabel ma l-vettura habtet ma' dan il-hajt ta' ghaxar filati, kien hemm ukoll il-fren dovut ghal dana c-cint ta' filata u ftit. Minkejja dan, u kif jidher car mir-ritratti, l-impatt mal-hajt ta' ghaxar filati kien wiehed vjolenti hafna. Naturalment, wiehed ma jridx jaghti kaz tal-hsarat dovuti ghan-nar li hakem il-vettura immedjatament wara l-habta. Issa, jekk wiehed kellu jassumi, ghall-grazzja ta' l-argument, li l-appellant tilef il-kontroll tal-vettura minhabba *skid*, wiehed irid xorta wahda jaghmel is-segwenti mistoqsija: id-dinamika tal-incident u l-vjolenza ta' l-impatt jindikaw velocita` li kienet korretta ghall-mod kif wiehed jaqbad dik ir-*roundabout* u jaqbizha, u ghall-kundizzjonijiet ambjentali ta' dak il-hin, jew jindikaw velocita` skorretta ghal dak il-post u ghal dawk il-kundizzjonijiet? Fi kliem iehor, kien hemm negligenza antecedenti ghal, jew konkomitanti ma', l-i*skid*?

6. Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan il-punt. Anke li kieku wiehed kellu jinjora l-*brake mark* hafif ta' cirka 25 metru qabel l-ewwel tahkika mal-bankina, kif jidher fil-pjanta tal-Perit Aquilina, u jaqghod biss fuq il-*brake marks* ta' madwar hames metri imsemmija mill-perit Dott. Depasquale fir-relazzjoni tieghu a fol. 32, jibqa' l-fatt li l-vettura ta' l-appellant kellha momentum tali li rikbet il-kurdun tal-bankina, rikbet il-bankina, rikbet ic-cint ta' filata u ftit, instabtet b'qawwa mal-hajt ta' ghaxar filati, u spiccat fuq in-naha l-ohra tal-karreggata. Mill-post fejn kien hemm l-ewwel tahkika mal-kurdun tal-bankina sal-hajt ta' ghaxar filati hemm distanza ta' ftit aktar minn 21 metru. Fil-fehma tal-Qorti, tenut kont tal-konfigurazzjoni tar-*roundabout* in kwistjoni u tal-fatt li l-art kienet imxarrba b'hafna nida – fatt li l-appellant kellu jiehu in konsiderazzjoni hu u jigi biex jaqbad l-imsemmija *roundabout* – l-appellant qatt ma messu qabad ir-*roundabout* b'velocita` ta' aktar minn tletin mil fis-siegha (48 k.f.s). Kieku kien ghaddej b'din il-velocita` prudenti ghal dak il-lok u ghal dawk ic-cirkostanzi, ma kienx ikun hemm lok la li wiehed jitlef il-kontroll tal-vettura (minhabba *skid* jew ghal xi raguni ohra) u lanqas kien ikun hemm il-vjolenza ta' l-impatt li fil-fatt kien hemm. Id-dinamika tal-incident u in partikolari l-vjolenza ta' l-impatt jindikaw velocita` in eccess ta' erbghin mil fis-siegha (64 k.f.s). Tali velocita` kienet skonsiljata ghall-konfigurazzjoni tar-*roundabout* kif ukoll, u in partikolari, ghall-kundizzjoni tal-wicc tat-triq. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, l-ewwel qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha dwar htija fir-rigward ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet.

7. Kwantu ghall-piena, pero`, din il-Qorti tara li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u specjalment tal-fedina penali nadifa ta' l-appellant, hemm lok ta' riduzzjoni f'dik li hi l-piena pekunjarja.

8. Fl-ahhar nett, din il-Qorti sejra, ghal kull buon fini, tiddikjara espressament dak li l-ewwel qorti qalet biss implicitament fir-rigward tat-tielet imputazzjoni kif riportata fil-bidu ta' din is-sentenza, u cioe` dwar l-offizi involontarji hfief fuq il-persuna ta' Kelly Pugliesevich.

Ghall-motivi premessi, filwaqt li ghal kull buon fini taghmilha cara li l-ewwel qorti effettivament illiberat lill-appellant, allura imputat, mit-tielet imputazzjoni (rigwardanti l-offizi invlontarji hfief fuq il-persuna ta' Kelly Pugliesevich), tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti biss fejn ikkundannat lill-appellant multa ta' elf u hames mitt lira (Lm1,500) u minflok tikkundannah multa ta' tmien mitt lira (Lm800), u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-periodu ta' l-iskwalifika tal-licenzja jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur